# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Lulju, 2024.**

**Numru 1**

**Rikors numru 214/23/1 ISB**

**Lyon Bonnici**

**v.**

**L-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat**

1. B'din is-sentenza l-Qorti ser tiddeċiedi l-appell tal-attur mis-sentenza li tat il-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-17 ta' Jannar 2024.

2. Il-fatti prinċipali relevanti għal dan il-każ huma s-segwenti:-

i. Fil-15 ta' Diċembru 2020 l-attur appella minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-26 ta'

Novembru 2020 li biha nstab ħati tal-imputazzjonijiet u kien kundannat għal erbatax-il xahar priġunerja u multa ta' €1,000. L-imputazzjonijiet kienu *inter alia* b'referenza għall-pussess tad-droga eroina li nstabet f'ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu, kif ukoll pussess ta' *cannabis*. L-aggravji tal-appell kienu li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għamlet apprezzament ħażin tal-fatti, u l-piena inflitta kienet eċċessiva.

ii. L-attur m'attendiex għas-seduta **tal-14 ta' Ottubru 2021** u għalhekk il-Qorti tal-Appell Kriminali ddikjarat li l-appell hu deżert.

iii. Fil-15 ta' Ottubru 2021 l-attur ippreżenta rikors maħluf u talab lill-Qorti sabiex terġa' tappunta l-appell għas-smigħ, wara li spjega li l-ġurnata ta' qabel kien qiegħed jistenna li jissejjaħ l-appell quddiem awla oħra. Qal li kien għalhekk li ma deherx meta ssejjaħ l-appell.

iv. B'digriet mogħti fid-19 ta' Ottubru 2021 il-Qorti tal-Appell Kriminali laqgħet ir-rikors u reġgħet appuntatu għas-smigħ.

v. Fis-seduta **tal-15 ta' Frar 2022** l-appell reġa' ġie dikjarat deżert peress li l-attur reġa' m'attendiex għas-seduta.

vi. B'rikors preżentat fit-18 ta' Frar 2022 reġa' talab lill-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex terġa' tappunta l-appell għas-smigħ. Spjega li kien indispost skont ċertifikat mediku mehmuż mar-rikors u ppreżenta dikjarazzjoni ġuramentata.

vii. B'digriet tal-21 ta' Frar 2022 il-Qorti tal-Appell Kriminali għal darb'oħra reġgħet appuntat l-appell għas-smigħ għas-seduta tal-24 ta' Frar 2022.

viii. Fil-5 ta' April 2022 il-Qorti tal-Appell Kriminali tat deċiżjoni li biha ċaħdet it-talba tal-attur sabiex tikkonverti f'Qorti ta' Droga skont l-Art. 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta peress li ma tax prova li fiż-żmien rilevanti kellu dipendenza fuq id-droga.

ix. Għas-seduta **tat-3 ta' Mejju 2022** l-attur reġa' ma deherx u l-Qorti tal-Appell Kriminali għat-tielet darba ddikjarat l-appell deżert.

x. Fil-5 ta' Mejju 2022 l-attur reġa' ppreżenta rikors u talab lill-Qorti biex tappunta l-appell għas-smigħ. Mar-rikors ippreżenta dikjarazzjoni maħlufa fejn spjega li kien fehem li d-data tad-differiment kienet l-4 ta' Mejju 2022.

xi. B'digriet tas-16 ta' Mejju 2022 il-Qorti tal-Appell Kriminali appuntat l-appell għas-smigħ għas-seduta tas-26 ta' Mejju 2022.

xii. L-attur reġa' ma deherx għas-seduta **tat-13 ta' Ottubru 2022**. Għal darb'oħra l-Qorti ddikjarat l-appell deżert.

xiii. Fit-18 ta' Ottubru 2022 l-attur reġa' ppreżenta rikors u talab lill-Qorti biex terġa' tappunta l-appell għas-smigħ. Spjega li ma deherx għas-seduta għaliex kien qiegħed jirċievi kura psikjatrika. F'dan ir-rigward ippreżenta dikjarazzjoni maħlufa u ċertifikat mediku.

xiv. B'digriet mogħti fil-25 ta' Ottubru 2022 il-Qorti reġgħet appuntat ir-rikors għas-smigħ għas-seduta tat-22 ta' Novembru 2022.

xv. L-attur deher għas-seduta tat-22 ta' Novembru 2022, iżda d-difensur tiegħu ma kienx preżenti. Għalhekk l-appell kien differit għas-seduta tal-15 ta' Diċembru 2022.

xvi. Però l-attur ma deherx għas-seduta **tal-15 ta' Diċembru 2022** u għall-ħames darba l-Qorti ddikjarat l-appell deżert.

xvii. Fit-22 ta' Diċembru 2022 l-attur ippreżenta rikors li fih iddikjara li kien indispost u talab lill-Qorti terġa' tappunta l-appell għas-smigħ.

Għalkemm ippreżenta dikjarazzjoni sabiex jiġġustifika l-assenza tiegħu, ma jirriżultax li kkonfermaha bil-ġurament. Ippreżenta wkoll ċertikat mediku datat 13 ta' Diċembru 2022 li fih jingħad li l-attur mhuwiex kapaċi għax-xogħol għal tlitt ijiem, u *"He is fit to resume work on the 16/12/2022".*

xviii. B'digriet mogħti fit-23 ta' Diċembru 2022 il-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet it-talba wara li qalet li rat ir-rikors u r-risposta tal-Avukat Ġenerali li biha oġġezzjona għat-talba.

xix. B'hekk mill-atti jirriżulta li l-appell tal-attur ġie dikjarat deżert għal ħames darbiet minħabba li kull darba l-attur naqas milli jidher għas-seduta.

3. Kien għalhekk li fil-25 ta' April 2023 l-attur fetaħ din il-kawża u ilmenta li l-Art. 422 tal-Kodiċi Kriminali ma kienx jagħti diskrezzjoni lill-Qorti tal-Appell Kriminali u li ma ngħatax smigħ xieraq meta dik il-qorti ċaħditlu t-talba sabiex l-appell jerġa' jiġi appuntat għas-smigħ. B'hekk ġie li ma kellux rimedju ieħor sabiex jikkontesta d-digriet tat-23 ta' Diċembru 2022. Għalhekk talab lill-Qorti sabiex:

> *"1) Tiddikjara illi ċ-ċaħda tat-talba tal-esponent sabiex l-appell tiegħu jiġi riappuntat u dan permezz tad-digriet tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-23 ta' Diċembru 2022 jilledi d-drittijiet tal-esponent għal smigħ xieraq hekk kif sanċiti fl-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.*

> *2. Tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa, sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent fosthom illi tordna r-riappuntament tal-appell in kwistjoni".*

4. Permezz ta' tweġiba tal-24 ta' Mejju 2023 il-konvenuti kkontestaw il-kawża.

5. B'sentenza tas-17 ta' Jannar 2024 l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet tal-attur. Dwar il-meritu l-Ewwel Qorti *inter alia* għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

> *"Il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-proċess Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Bonnici Lyon (Ref 276/2020)** u jirriżulta bħala stat ta' fatt li fil-15 ta' Diċembru 2022, il-Qorti tal-Appell Kriminali kif preseduta mill-Onor Imħallef Consuelo-Pilar Scerri Herrera ddikjarat l-appell tar-rikorrent deżert wara li rat li r-rikorrenti kien debitament notifikat bid-data tas-seduta u naqas milli jidher.*
>
> *Jirriżulta wkoll li fit-22 ta' Diċembru 2022, ir-rikorrent intavola rikors quddiem l-istess Qorti fejn talab li l-appell jerġa' jiġi appuntat għar-raġunijiet suċitati, u l-Qorti ordnat in-notifika tal-istess lill-intimat Avukat Ġenerali b'jumejn għar-risposta. Mal-imsemmi rikors kien hemm annessi dikjarazzjoni tar-rikorrent li tindika li m'attendiex għall-udjenza msemmija minħabba li kien indispost, kif ukoll ċertifikat mediku datat it-13 ta' Diċembru 2022 li jindika li r-rikorrenti kien jinsab medicament indispost u ma setax jattendi għax-xogħol għal tliet ijiem u b'hekk kellu jirritorna għax-xogħol fis-16 ta' Diċembru 2022.*
>
> *Jirriżulta wkoll li fit-23 ta' Diċembru 2022, l-Avukat Ġenerali intavola r-risposta tiegħu fejn oġġezzjona għat-talba tar-rikorrent stante li l-appell kien diġà ġie ddikjarat deżert ħames (5) darbiet qabel u hemmhekk elenka wkoll ir-raġunijiet li ngħataw lill-Qorti kull darba, fejn sostna li t-trapass taż-żmien ma kienx wieħed ġustifikat.*
>
> *Finalment, jirriżulta li permezz ta' digriet tat-23 ta' Diċembru 2022, il-Qorti caħdet it-talba tar-rikorrent.*
>
> ***Ikkunsidrat ulterjorment:***

*Illi sabiex jintlaħaq il-bilanċ illi l-leġislatur ried bl-Artikolu ċitat, il-Qorti sejra tagħmel eżami tar-rikors ppreżentat mir-rikorrent u d-dokumenti miegħu annessi, anke fid-dawl ta' dak mitlub mir-rikorrent, ossia, illi "c-cahda tat-talba tal-esponent ......." jilledi d-drittijiet tiegħu.*

*Il-Qorti fl-ewwel lok tosserva illi d-dikjarazzjoni tar-rikorrent annessa mar-rikors, minkejja illi l-liġi tesiġi illi tkun "mahlufa", b'dana kollu din ma tirrizultax hekk. Ġjaladarba ċ-ċertifikat mediku kien ikopri lir-rikorrent sal-15 ta' Diċembru 2022, xejn ma jirriżulta illi kellu jimpedixxi lir-rikorrent milli jsib il-ħin u l-okkażjoni biex jieħu ġurament fuq id-dikjarazzjoni tiegħu stess, li għaldaqshekk addirittura kellu l-isbaħ sebat ijiem. Dan ma jirriżultax illi r-rikorrent għamlu u dak li trid il-liġi, ossia illi d-dikjarazzjoni tkun maħlufa, fil-fatt ma sarx.*

*Il-Qorti, ukoll fid-dawl tal-insenjament magħmul mill-Qorti Kostituzzjonali kif hawn fuq spjegat, trid ukoll tirreferi għaċ-ċertifikat mediku ppreżentat. Minn qari tal-istess ċertifikat jirriżulta illi r-rikorrent ma setax jattendi għax-xogħol għal tlett ijiem mit-tlettax ta' Dicembru – "is not fit to attend work for 3 days".*

*Il-Qorti tqis illi b'hekk, ir-rikorrent ma ġġustifikax n-nuqqas ta' attendenza għas-seduta tiegħu fil-Qorti għar-raġunijiet mediċi. Tassew huwa magħruf illi għaliex persuna jiġi ċertifikat "mhux tajjeb ghax-xoghol" ma jfissirx awtomatikament u/jew neċessarjament illi persuna mhux tajba biex tattendi l-Qorti jew tmur band'oħra.*

*Fil-fatt jirriżulta illi fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2022, ir-rikorrent kien preżenti l-Qorti u dakinhar il-kawża kienet ġiet differita għall-15 ta' Diċembru 2022 – u huwa għalhekk paċifiku jingħad illi huwa seta', kieku tassew ried illi jiġġustifika n-nuqqas ta' preżenza tiegħu fil-Qorti fil-15 ta' Diċembru 2022, jitlob lit-tabib sabiex ikun ċertifikat appuntu għal dan il-għan – ħaġa illi ma jirriżultax illi għamel.*

*Ċertament li l-Qrati Kostituzzjonali m'għandhomx iservu biex jirrimedjaw in-nuqqasijiet tar-rikorrent innifsu. Din il-Qorti għalhekk tħoss illi r-rikorrent ppreġudika l-pożizzjoni tiegħu stess b'egħmilu, u ma filwaqt illi użufruxxa mir-rimedju illi kienet ittih il-liġi, anke jekk b'mod monk – il-fatt illi l-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet it-talba għar-ri-appuntament tal-appell, dak ma jfissirx illi huwa sofra leżjoni ta' drittijiet fondamentali kif minnu allegat u premess.*

*Il-Qorti ma tħossx illi ċ-ċaħda tat-talba magħmula mir-rikorrent kif hawn fuq jingħad tista' jew għandha twassal sabiex huwa sofra leżjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni li jrid illi jassigura il-"fairness" fil-proċeduri kriminali. Lanqas ma jirriżulta lill-Qorti illi bil-fatti mressqa quddiemha, hija tista' tasal għal konvinċiment morali illi xi dritt ieħor tar-rikorrent sanċit bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ġie leż. Bl-istess mod*

*lanqas ma jista' jingħad illi r-rikorrent ipprova illi kellu xi jedd kostituzzjonali sanċit bl-Artiklu 39, mittiefes jew leż.*

*Illi għalhekk l-ilmenti tar-rikorrenti ser jiġu respinti fl-intier tagħhom".*

6. L-aggravji tal-attur huma:

i. L-Ewwel Qorti osservat li d-dikjarazzjoni mehmuża mar-rikors tat-22 ta' Diċembru 2022 ma kinitx maħlufa u għalhekk ir-rikors kien null. L-attur jilmenta li fir-risposta tal-Avukat Ġenerali tat-23 ta' Diċembru 2022, għal dak ir-rikors, ma ssemmiex li d-dikjarazzjoni ma kinitx maħlufa. *Inoltre*, ma qalux li kien null. Għalhekk l-Ewwel Qorti ssorprendiet lill-attur meta minn jeddha qajmet dan il-punt. Kompla li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tqajjem dak il-punt minn jeddha għaliex mhijiex kwistjoni ta' ordni pubbliku.

ii. L-Ewwel Qorti qalet li fiċ-ċertifikat mediku jingħad li l-attur ma kienx *"fit to attend works for three days"*, u mhux li ma jistax jattendi l-Qorti. Osservazzjoni li fil-fehma tal-attur hija gratuwita. Kompla li jekk persuna ma jistax joħroġ mid-dar u jattendi għax-xogħol, aktar u aktar ma jkunx f'pożizzjoni li jattendi l-Qorti. L-Art. 422 hu ċar li ladarba jiġi preżentat rikors, il-Qorti trid tappuntah għas-smigħ.

7. Fid-9 ta' Frar 2024 il-konvenuti ppreżentaw tweġiba li fiha spjegaw għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell. Argumentaw li l-Ewwel Qorti

ddeċidiet fuq il-provi li kellha quddiemha, ċjoè l-atti tal-appell li kien qiegħed jinstema' quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. L-Ewwel Qorti kellha kull dritt li tistabbilixxi x'kienu l-fatti sabiex waslet għad-deċiżjoni finali dwar l-ilment tal-attur. Żiedu li l-Ewwel Qorti kkunsidrat ukoll li ċ-ċertifikat mediku mehmuż mar-rikors li ppreżenta l-attur biex il-Qorti tal-Appell Kriminali terġa' tappunta l-appell għas-smigħ, jirreferi għall-inkapaċità tal-attur biex imur xogħol għal tlitt ijiem u mhux li ma setax jattendi l-qorti. Qalu wkoll li s-smigħ tal-appell kien karatterizzat minn intoppi min-naħa tal-attur. Fl-aħħarnett il-Qorti tal-Appell Kriminali għandha d-diskrezzjoni jekk tilqax talba sabiex appell jerġa' jiġi appuntat għas-smigħ wara li tkun iddikjarat li l-appell hu deżert.

8. Fil-kawża l-attur qiegħed jilmenta li quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali ma ngħatax smigħ xieraq peress li l-Qorti tal-Appell Kriminali b'digriet tat-23 ta' Diċembru 2022 ċaħdet it-talba tiegħu sabiex terġa' tappunta l-appell għas-smigħ wara li fis-seduta tal-15 ta' Diċembru 2022 l-appell ġie dikjarat deżert.

9. L-Art. 422(1) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi:-

> *"Jekk, f'jum tas-smigħ tal-appell, l-appellant ma jidhirx, l-appell tiegħu jingħadd deżert u s-sentenza appellata tiġi esegwita; imma fuq rikors tal-appellant, ippreżentat fi żmien tmint ijiem mill-ġurnata fuq imsemmija, flimkien ma' dikjarazzjoni maħlufa mill-istess appellant quddiem ir-reġistratur li, minħabba mard jew għal raġuni oħra indipendenti mill-volontà tiegħu, fir-rikors imsemmija espressament, hu ma setax jidher fil-ġurnata fuq imsemmija, il-qorti tagħti ġurnata*

> *oħra għas-smigħ tal-appell, u, f'dan il-każ, igħoddu d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) tal-aħħar artikolu qabel dan:*
>
> *Iżda l-qorti tistà, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, tagħti ġurnata oħra għas-smigħ tal-appell anki meta r-rikors jiġi ppreżentat wara li jkun għadda l-perjodu msemmi fis-subartikolu (1)".*

10. L-ilment tal-attur hu dwar id-digriet li l-Qorti tal-Appell Kriminali tat fit-23 ta' Diċembru 2022 u mhux dwar l-Art. 422.

11. F'dan il-każ il-provi juru li d-dikjarazzjoni mehmuża mar-rikors tat-22 ta' Diċembru 2022 mhijiex maħlufa quddiem reġistratur, kuntrarjament għal dak li trid il-liġi. Dan jirriżulta mill-atti tal-proċeduri tal-appell irrispettivament mill-fatt li fit-tweġiba tat-23 ta' Diċembru 2022 l-Avukat Ġenerali ma semmiex dak il-fatt. L-attur żgur li kien jaf li r-rikors kellu jinħalef quddiem ir-reġistratur, għaliex qabel ir-rikors tat-22 ta' Diċembru 2022 kien diġà ppreżenta erba' rikorsi b'talba identika. Apparti, il-fatt li skont iċ-ċertifikat mediku li ppreżenta seta' jirritorna għax-xogħol b'effett mis-16 ta' Diċembru 2022. Mela m'hemmx provi li fit-22 ta' Diċembru 2022, data meta ppreżenta r-rikors sabiex jerġa' jiġi appuntat l-appell, kien hemm xi impediment leġittimu li jikkonferma r-rikors bil-ġurament quddiem ir-reġistratur. L-attur ma jistax jilmenta min-negliġenza tiegħu stess. Każ ċar ta' *imputet sibi*.

12. Mhuwiex korrett l-attur fl-argument li l-Ewwel Qorti ssorprendietu meta għamlet konsiderazzjonijiet dwar jekk ir-rikors kienx ġie konfermat

bil-ġurament, għaliex dak il-fatt ma kienx issemma mill-Avukat Ġenerali fit-tweġiba li ppreżenta għar-rikors tiegħu li bih talab li l-appell jerġa' jiġi appuntat. L-Ewwel Qorti kellha tiddeċiedi a bażi tal-provi li tressqu quddiemha, fl-istħarriġ dwar jekk id-digriet impunjat wassalx għall-ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq.

13. Jekk ir-rikors tal-appell ma kienx maħluf bil-mod li trid il-liġi u lanqas xehed f'din il-kawża sabiex jispjega x'wasslu biex ma jattendix għas-seduta tal-15 ta' Diċembru 2022, l-attur ma jistax jilmenta li bid-digriet tat-23 ta' Diċembru 2022 sofra minn ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq. Dan irrispettivament jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-digriet tat-23 ta' Diċembru 2022 semmietx dak in-nuqqas bħala raġuni għalfejn ċaħdet ir-rikors biex l-appell jerġa' jiġi appuntat.

14. Hu fatt ukoll li l-attur ma jistax jistrieħ fuq iċ-ċertifikat mediku sabiex jiġġustifika n-nuqqas tiegħu li jidher għas-seduta tal-15 ta' Diċembru 2022. Fl-ewwel lok iċ-ċertifikat mediku ma jgħidx minn xiex kien qiegħed isofri l-attur fiż-żmien rilevanti. Dan apparti l-fatt li ċ-ċertifikat mediku mhuwiex prova tal-kontenut tiegħu u fih tissemma biss l-inkapaċità tal-attur li jattendi għax-xogħol u mhux li jattendi għal seduta tal-qorti. M'hemm l-ebda prova oġġettiva li fil-15 ta' Diċembru 2022 l-attur kien fiżikament inkapaċitàt li jattendi għas-seduta tal-Qorti. Fil-fatt l-unika

prova li tressqet fil-kawża tal-lum kienu l-atti tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u xejn iktar.

15. L-attur jagħti x'jifhem li l-Qorti tal-Appell Kriminali ma kellhiex diskrezzjoni tilqax it-talba tiegħu biex l-appell jerġa' jiġi appuntat. Wieħed irid japprezza li f'dan il-każ kien hemm xejn inqas minn erba' okkażjonijiet preċedenti meta l-attur kien naqas milli jidher għal seduta quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, u kull darba l-appell reġa' ġie appuntat għas-smigħ. Il-Qorti ma taqbilx mal-fehma tal-attur. Jekk wieħed kellu jirraġuna hekk ikun ifisser li appellant f'kawża kriminali jista' jagħżel hu meta jidher u l-Art. 422(1) jagħtih l-għodda biex itawwal l-appell kemm irid hu. Bir-raġunament tal-attur kulma jrid jagħmel appellant hu li jippreżenta rikors maħluf bi skuża għalfejn ma deherx għas-seduta u l-Qorti tal-Appell Kriminali tkun obbligata li terġa' tappunta l-appell għas-smigħ, *no questions asked*. Dak mhuwiex il-mod kif għandha tiġi applikata u interpretata l-liġi sabiex tkun effettiva. Evidenti li l-Qorti tal-Appell Kriminali ma kinitx konvinta minn dak li kien qiegħed isostni l-attur, iktar u iktar meta tikkunsidra li kien hemm diġà erba' okkażjonijiet preċedenti meta l-appell ġie dikjarat deżert. Appell li kien ilu pendenti kważi sentejn minn meta kien appuntat għas-smigħ għall-ewwel darba.

16. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet m'hemmx bażi sabiex il-Qorti tilqa' l-ilment tal-attur.

Deċiżjoni.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell tal-attur bl-ispejjeż kollha kontrih.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da